# 50 Sena Anniversarju mill-Ordinazzjoni Presbiterali Rev. Kan. Onor. Dun Karm Attard B.A., Lic.D

**Mons. Lawrence Cachia**




Il-Kan. Dun Karm Attard twieled f'Ħaż-Żebbug fil-15 ta' Ottubru 1940 u, wara li tgħallem fl-Iskola tal-Gvern, daħal is-Seminarju tal-Furjana. Wara li għadda mill-eżami tal-Matrikola, daħal l-Università ta' Malta.

Meta kellu għoxrin sena, rebaħ Konkors Bibliku li kien sar fl-Istitut Kattoliku. Bħala premju, kien intbagħat jieħu sehem f'konkors ieħor tal-Bibbja li sar fl-Art Imqaddsa. Mill-Università ta' Malta, Dun Karm kiseb Baċellerat fl-Arti u Liċenzjat fit-Teoloġija. Huwa ġie ordnat Saċerdot fil-11 ta' Marzu 1967 u beda l-missjoni tiegħu bħala Viċi-Arċipriet f'Ħaż-Żebbuġ.

Wara tliet snin, huwa ġie magħżul bħala Kappillan tal-Qrendi u mexxa dik il-Parroċċa għal ħamsa u għoxrin sena u nofs. Meta kien f'dik il-Parroċċa, barra ħafna xogħol pastorali u amministrattiv kbir li wettaq, sab ukoll iż-żmien jirrevedi t-traduzzjoni tal-Bibbja ta' Mons. Professur Pietru Pawl Saydon li ġiet stampata mis-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija (Mużew). Din kienet biċċa xogħol kbira u Dun Karm seta' jidħol għaliha għaliex baqa' dejjem jistudja l-Bibbja u jżomm ruħu aġġornat fl-istudji Bibliċi.

F'Jannar tal-1996, Dun Karm irtira mill-kariga ta' Kappillan u mar jgħix fid-Dar tal-Kleru iżda hu baqa' attiv, speċjalment billi jagħti korsijiet dwar il-Bibbja kemm f'diversi Parroċċi f'Malta kif ukoll fl-Istitut Kattoliku jew f'Dar il-Bibbja. Kiteb ukoll artikli u kotba dwar il-Bibbja.

Dun Karm ġie maħtur Kanonku Onorarju tal-Kolleġġjata Elenjana fis-sena 2000. Dan l-aħħar, flimkien ma' sħabu, iċċelebra l-ħamsin anniversarju mill-Ordinazzjoni Saċerdotali. Nawgurawlu *Ad Multos Annos.*